# TRIQ MARSILJA

*minn CONSIGLIA AZZOPARDI*




Waħda mit-toroq ta' Sannat iġġib l-isem ta' Triq Marsilja, isem ta' belt fi Franza bil-port fuq il-kosta tal-Mediterran, li ilha sekli sħaħ magħrufa għall-kummerċ internazzjonali. X'konnessjoni għandha jew seta' qatt kellha Marsilja fi Franza pajjiż kbir u importanti fl-Ewropa, ma' Sannat raħal ċkejken fil-gżira t'Għawdex?

Sannat għadda mill-istess destin li mess lill-irħula kollha t'Għawdex, forsi x'uħud aktar minn oħrajn - dik ta' l-emigrazzjoni. Sal-lum, min jaf kemm hawn nies imnisslin minn ta' Sannat, li jinsabu mxerrdin mal-pajjiżi tad-dinja ! Is-safar kien l-uniku mezz li jtaffi l-piż tal-popolazzjoni ta' Malta. Veru li ma kienx hawn xogħol għal kulħadd, speċjalment għall-bdiewa u l-ħaddiema ta' l-id bħalma kienu n-nies ta' Sannat, imma fis-safar dawn żgħażagħ kienu jsibu avventura għax imorru f'art barranija u hemm jintrefgħu mill-miżerja malli jibdew idaħħlu l-flus. "Min isiefer isir nies" kienet l-għajta fuq fomm kulħadd. Dan il-fenomenu tas-safar kien inkoraġġit mill-Ingliżi, għalhekk kiber ħafna matul is-seklu dsatax u laħaq il-qofol tiegħu fis-seklu għoxrin.

**Negożjanti Maltin F'Marsilja**

L-istorja tgħidilna li fi żmien il-kavallieri, jiġifieri minn meta L'Isle Adam wasal Malta fl-1530 sa meta ċeda Hompesch fl-1798, qatt ma kien hemm emigrazzjoni qawwija. Tassew li xi Maltin sabu ruħhom ilsiera fl-artijiet tal-mislem waqt li oħrajn telqu minn rajhom għal xi bliet Ewropej bħal dawk li marru Sirakuża, Katanja, Marsilja u Barċellona. L-ewwel żewġt ibliet jinsabu fi Sqallija, Barċellona hija belt ewlenija fil-Katalunja waqt li Marsilja hija belt Franċiża. Marsilja kienet importanti għall-Ordni billi minn hemm kienu jġibu fost l-oħrajn munizzjon għall-kanuni u l-armi tal-gwerra, metalli u drappijiet; bħala bdil Malta kienet tibgħat 'l hemm il-qoton.

Il-Maltin kien ilhom jidħlu Marsilja għan-negozju sa' mis-seklu sittax, ħafna qabel ma bdew ikomplu fi triqthom lejn Spanja. Dak iż-żmien kienu jbaħħru bil-brigantin, vapur żgħir li jġorr passiġġieri u tagħbija, u li l-Maltin kellhom sengħa kbira kif iħaddmu biex jilqa' għal kull xorta ta' baħar. Għal kull safra, li kienet ittul bejn sena u nofs u sentejn, kienu jiffurmaw kumpanija ta' xi għaxart irġiel. Il-padrun tal-kumpanija aktarx kien ikun sid il-brigantin stess. Kienu joħorġu l-ishma u meta jerġgħu lura mis-safar kienu jaqsmu l-qliegħ skond is-sehem li jkunu ħarġu fil-bidu; il-padrun kien jieħu doppju billi kellu l-brigantin. Kull membru tal-kumpanija kien jaħdem ta' baħħar sakemm kienu jkunu fil-vjaġġ; malli jinżlu l-art kienu jsiru negozjanti, kulħadd għal rasu, kemm kellhom ħila jbigħu. Ħadd ma jista' jobsor kemm kienu jaqilgħu ma' kull safra, Alla jaf! Biss in-nisa tan-negozjanti f'Malta kienu jiddandnu bl-isbaħ ilbies li xi drabi kien jiżboq lil tal-barunessi.

F'Marsilja n-negozjanti Maltin kienu jdaħħlu qoton, kemmun, ġobon, tabakk u prodotti li kienu jixtru minn Sqallija u l-Italja, filwaqt li kienu jixtru prodotti oħrajn biex ikollhom xi jbigħu fi Spanja. Huma u ġejjin lura minn Spanja imbagħad kienu jerġgħu jieqfu Marsilja l-iżjed biex isarrfu l-muniti Spanjoli tad-deheb u l-fidda, u biex jixtru drappijiet, munizzjon, qamħ u prodotti oħra li kienu jġibu lejn Sqallija u Malta. Nafu li fis-sena 1720 kien hemm negozjanti Maltin stabiliti f'Marsilja. Fl-1748 ċertu Gaspar Espanet kien Agent de la Marine et du Commerce de la Nation Maltoise a Marseille, u fl-1757 flok Espanet laħaq Dominique Simon. Fl-1761 in-negozjanti Maltin ġew meħlusa mit-taxxa tad-dwana fi Franza, u fl-1765 il-Maltin ġew mogħtija l-istess drittijiet ċivili u kummerċjali li kellhom ċittadini Franċiżi. Il-Maltin kienu jieħdu vantaġġ minn dawn il-privileġġi; fil-fatt insibu li matul is-seklu tmintax dejjem kien hemm madwar tużżana negozjanti Maltin armati f'Marsilja, li kienu jagħmluha tajjeb.

**L-Ewwel Emigrazzjoni tal-Maltin**

Imma l-ewwel ċaqliq tal-Malti bħala emigrant, jiġifieri li jħalli 'l pajjiżu biex imur jgħix f'pajjiż ieħor għal raġuni ta' xogħol, seħħ wara l-bidla mgħaġġla taħt tliet ħakmiet fi ftit aktar minn sentejn, bit-telfa tas-sigurta' li missirijietna gawdew taħt il-Kavallieri u l-istatus ta' artna bħala kolonja marbuta għal kollox mat-treġija minn Londra. Dan kien il-kawża ta' perijodi ta' ġid u ta' għaks. Meta kien jiġi l-għaks ħafna minn niesna kienu jfittxu l-għajxien tagħhom f'xi art tal-barrani. L-emigranti kienu jagħżlu pajjiż minn ieħor. Kienu jippreferu jmorru lejn artijiet u gżejjer fil-Mediterran għax dawn kienu fil-qrib. It-trasport kien faċli u rħis, il-klima kienet tixbaħ lil dik ta' Malta, u f'każ li wieħed ried imur lura seta' jagħmel dan mingħajr tfixkil.

Tajjeb li naraw kif kienet is-sitwazzjoni politika fl-Ewropa wara l-Kungress ta' Vjenna (1814-1815) biex nifhmu aħjar għaliex il-Maltin tawha għall-emigrazzjoni. Malli temmet l-era ta' Napuljun, l-potenzi Ewropej bdew jaħtfu artijiet barranin biex ikabbru l-imperi tagħhom. Hekk il-Franċiżi daħlu fl-Afrika ta' Fuq fl-Alġerija, fit-Tuneżija, u fil-Marokk; it-Taljani ħadu l-Libja waqt li l-Eġittu waqa' taħt l-Ingliżi. Il-Franċiżi riedu nies mill-Ewropa biex imorru joqogħdu fl-artijiet ta' l-Afrika ta' Fuq. Franza kienet art sinjura u ftit kienu dawk il-Franċiżi li riedu jitilqu lejn l-Afrika. Franza kellha bżonn il-barranin biex iżżomm l-imperu tagħha, għalhekk bdiet tagħti privileġġi lil dawk l-Ewropej li għażlu jmorru jaħdmu hemm.

Il-Maltin tħajru mill-Ewropej, imma dawn qatt ma rċievew għajnuna mingħand ħadd. Mill-banda l-oħra, l-awtoritajiet kolonjali f'Malta kienu favur li l-Maltin jitilqu bi ħġarhom għax fil-pajjiż kien hawn ħafna faqar u ma kienx hawn xogħol. L-emigranti kienu jridu jaqdfu għal rashom fi żmien meta kienu jitkellmu biss bil-Malti, kienu fqar u mingħajr tagħlim. Bejn l-1830 u l-1890 madwar għaxra fil-mija tal-popolazzjoni Maltija kienet telqet lejn artijiet barranin. Ġeneralment il-Maltin kienu jippreferu belt li kienet ukoll port jew għallinqas viċin il-baħar. Għalkemm il-parti l-kbira ta' l-emigranti Maltin kienu illiterati huma ma kinux jaqtgħu qalbhom mix-xogħol u kont issibhom jaħdmu fl-ibliet ta' l-Afrika ta' Fuq bħala baħħara, sajjieda, ħaddiema tas-sengħa jew ibigħu fil-ħwienet u jagħmlu kull xorta ta' xogħol li jiġi għal idejhom. Lil uliedhom kienu jibagħtuhom l-iskola u dawn xi wħud kienu jilħqu tobba, avukati jew interpreti. Il-Maltin kienu magħrufa bħala nies b'saħħithom, jifilħu għas-sħana u kappaċi jibżgħu għas-sold, nsara tajbin u jafu jidħlu bejn l-Ewropej u l-Għarab.

Il-Maltin kienu jagħżlu li jmorru f'artijiet tal-Misilmin bħal l-Alġerija, t-Tuneżija li kienu kolonji Franċiżi u l-poplu tagħhom kien jitkellem bil-FranċIżu bl-Għarbi, jew lejn Franza. Fost dawn l-ewwel emigranti Maltin insibu numru ta' nies minn ta' Sannat, li marru l-aktar fl-Alġiers, Bona u Phillipaville fl-Alġerija u f'Tunes fit-Tuneżija. In-nies ta' Sannat kienu jitkellmu bid-djalett ta' San Lawrenz u dak Għawdxi. L-Għarab kienu jifhmuhom billi d-djalletti tagħna jixbħu l-Għarbi klassiku. Maż-żmien kienu jitgħallmu jitkellmu bil-Franċiż, imma bili dawn l-emigranti kienu jiffurmaw kolonji żgħar fil-postijiet fejn kienu jgħixu, baqgħu jitkellmu bejniethom bl-ilsien Għawdxi, żammew tradizzjonijiet Għawdxin, u saħansitra l-laqmijiet tal-familji f'ta' Sannat baqgħu jissemmew fost l-emigranti. Skond il-passaporti maħruġa lil dawk li kienu jsiefru, li kopja tagħhom għadek tista' ssibha fl-arkivji tal-passaporti fis-Santo Spirito r-Rabat ta' l-Imdina, ħafna nies minn Ta' Sannat kienu bdiewa jew ħaddiema ta' l-id, u li marru biex jaħdmu mal-familji sinjuri Franċiżi li kellhom il-biċċa l-kbira ta' l-art f'dawn il-pajjiżi.

Il-Knisja Għawdxija kienet fost il-pijunieri fil-missjonijiet fl-Afrika ta' Fuq fejn bagħtet missjunarji lejn dawn il-pajjiżi bl-iskop ta' evanġelizzazzjoni. Bħall-Għawdxin l-oħra l-emigranti minn Sannat dejjem fittxew postijiet fejn ikollhom knisja kattolika jew komunita' missjunarja nisranija fil-viċin. Dan kien meħtieġ għalihom kemm biex iżommu l-identita' nisranija tagħhom u kemm biex isibu għajnuna sakemm isibu posthom u jitgħallmu l-lingwa tal-post. F'każ li xi ħadd kien jiġi bżonn ta' xi ħadd ta' l-iskola biex jiktbilhom xi ittra jew biex jaqlagħhom minn xi nkwiet, dejjem kellhom moħħhom mistrieħ bil-missjunarju Malti. Barra minn hekk, it-tfal ta' l-emigranti aktarx kienu jmorru l-iskola li kien iwaqqaf il-missjunarju, skola li toffri t-tagħlim nisrani u tagħlim ieħor bil-lingwa tal-kommunita Għawdxija.

Meta xi ħadd kien irritorna lejn Għawdex, żgħażagħ subien minn Ta' Sannat kienu jinġabru madwaru, l-aktar fil-ħwienet ta' l-inbid li kienu mxerrdin mar-raħal, u jistaqsu ħafna mistoqsijiet dwar il-post, ix-

xogħol, qliegħ tal-flus; u fl-aħħar, kif se jagħmlu biex jirranġaw ħa jsiefru huma wkoll malli jilħqu l-eta. Maż-żmien dawn l-emigranti minn Ta' Sannat tgħallmu ftit Franċiżu mxew fuq l-eżempju tal-pajżana fejn kienu jgħixu. Huma bdew jemigraw lejn Franza għall-ibliet ta' Marsilja u dik ta' Lyon, fejn kien hemm xogħol fil-portijiet u l-industriji li nibtu mal-kosta Franċiża. Il-komunita' minn Ta' Sannat f'Marsilja kienet tgħix fil-viċinanzi tal-port famuż ta' din il-belt fejn kien hemm xogħol tal-portijiet simili għax-xogħol li kien isir fil-portijiet tagħna, jħottu u jgħabbu l-vapuri - f'kelma waħda jaħdmu fix-xatt. L-istess fil-belt ta' Lyon, li għalkemm mhix belt b'port, hi l-aktar belt industrijalizzata fi Franza wara Pariġi.

Billi Marsilja kienet wieħed mill-portijiet kbar tal-Mediterran, dejjem ġibdet għadd ta' emigranti Maltin. Dan għaliex barra dawk il-Maltin li marru direttament minn Malta lejn Marsilja bdew jidhru oħrajn li wara li għaddew xi snin fl-Afrika Franċiża tħajru jmorru joqogħdu Franza u billi l-ewwel port Franċiż kien Marsilja xi wħud baqgħu hemm. Fi tmiem is-seklu dsatax in-numru ta' Maltin li daħlu Franza mill-Alġerija żdied sewwa, hekk li n-numru ta' Maltin-Alġerini jgħixu f'Marsilja kien ta' madwar sitt mija. Fost dawn kien hemm l-emigranti minn Ta' Sannat, u sal-lum għad insibu ħafna nies f'dawn l-ibliet u madwar Franza kollha ta' dixxendenza minn hawn. Kultant, xi wħud minnhom jiġu jfittxu l-għerq tal-familja tagħhom, - tlieta jew erba' ġenerazzjonijiet wara, fejn l-arblu tar-razza joriġina Ta' Sannat.

**Ir-Rabta bejn Ta' Sannat u Marsilja**

Iċ-ċensment li kien sar fil-gżejjer Maltin fl-1861 jagħtina tagħrif interessanti fuq it-toroq tar-raħal, fejn isemmi l-ismijiet tat-toroq bin-numru ta' nies f'kull triq. Dan hu l-ewwel ċensment li jġib l-ismijiet tat-toroq; b'daqshekk ma jfissirx li l-inħawi ma kinux diġa magħrufa u magħżula waħda minn oħra. Tissemma triq, fin-nofsinhar tar-raħal, li ġġib l-isem Strada ta' Marsilja u li fiha kienu joqogħdu għaxra min-nies (forsi żewġ familji). Strada ta' Kolaċ, li kien sqaq b'familja jew tnejn, kien jagħti minn Triq Marsilja għal Strada ta' Ċenċ. Ma nafux sewwa meta bdiet tissejjaħ hekk; Bezzina jsostni li m'hix ħaġa kbira li kienet ġa twaqqfet il-kolonja żgħira ta' Sannatin fil-Belt ta' Marsilja. Wara li qalgħu kemxa u reġgħu lura f'Għawdex, xi Sannatin minn din il-komunita' tlaqqmu "ta' Marsilja", u 'l quddiem, minnhom ħadet l-isem waħda mit-triqat tar-raħal. Sal-lum f'Sannat għad fadal familji bil-laqam ta' Marsilja jew tal-Franċiża.

Nhar id-19 ta' Jannar 1890, l-Isqof Ġwann Marija Camilleri (1889-1924), għamel vista pastorali fil-parroċċa ta' Sannat fejn ġie deċiż li kellha ssir statwa oħra tal-qaddisa patruna. Saret ġabra apposta fir-raħal u l-istatwa ġiet ordnata għand id-ditta Galard et Fils Statuaire ta' Marsilja. Din id-ditta, li għamlet diversi statwi titulari oħra ta' Għawdex, kienu saru jafu biha permezz ta' emigranti Għawdxin f'dik il-belt. L-istatwa waslet Għawdex u tbierket nhar il-21 ta' Lulju 1891; saru festi kbar meta s-Sannatin laqgħu fosthom l-istatwa li saħħret lil kulħadd bi ġmielha.



*Il-Varja ta' Santa Margerita li saret f'Marsilja*

**Memorji ta' Marsilja fis-Seklu Għoxrin**

Wenzu Buttigieg, magħruf aħjar bħala Belin,

twieled f'Sannat fl-1908. Illum għandu 94 sena u għadu jiftakar f'meta ta' 22 sena kien siefer lejn Marsilja. Qabel ma siefer kien jaħdem ta' wejter, inewwel xi tazza te fil-ħwienet tal-kafe' fil-belt Valletta. Meta kien Malta rranġa għas-safar hu waħdu, nkiteb u ġie ntervistat minn qassis fejn il-knisja ta' Lies il-Belt, nħariġlu l-passaport u għadda biex isiefer ħa jaħdem. Dak in-nhar is-safar kien lejn Marsilja biss, kien għadhom ma bdewx imorru lejn l-Awstralja billi l-passaġġ kien għali u n-nies ma kellhomx flus.

Minn Għawdex, speċjalment minn Ta' Sannat u mix-Xewkija, l-irġiel u l-ġuvintur kienu jsiefru bi ħġarhom - kulħadd lejn Marsilja. Kienu jsiefru biex jaħdmu għax hawn ma kienx hawn xogħol ħlief fir-raba. Malli kienu jagħlqu s-sittax-il sena, jew kienu jifilħu jaħdmu, l-ġuvintur kienu jaħsbu biex jitilqu, jew ma' missierhom jew ma' xi nies oħra minn Sannat. Hawn fir-raħal kien hawn min kien jirranġa biex isiefru gruppi flimkien, speċjalment dawk li kienu se jsiefru l-ewwel darba. Kien hemm min kien isiefer anke għal żmien qasir, bħal ngħidu aħna kienu jiżirgħu r-raba' f'Settembru, jitilqu u jerġgħu jiġu lura biex jaħsdu l-wiċċ f'Ġunju. Kien hemm min kien isiefer għal żmien itwal; l-ewwel kienu jsiefru bħala ġuvintur imbagħad jiġu jiżżewwġu ħawn Għawdex. Il-mara ġie li kienu jħalluha hawn, jew ġie li kienu jieħdu lill-mara u t-tfal magħhom. Ġie li kienu jiżżewwġu barra għand familji Għawdxin li kienu diġa stabilixxew ruħhom barra, xi drabi minn Sannat stess u li kienu jkunu jafu lil nieshom hawnhekk.

Kienu jitilqu bil-vapur mix-xatt tal-Belt lejn Tunes - il-vapur kien imur darbtejn fil-ġimgħa. Malli jaslu jaqtgħu biljett għall-passaġ lejn Marsilja. Il-vjaġġ bil-vapur minn Tunes għal Marsilja kien jieħu jum u żewġ iljieli (36 siegħa). Ma kienx hemm sistema ta' kemm wieħed kien idum imsiefer, toqgħod hemm taħdem u tiġi lura meta trid. Ix-xogħol prinċipali kien fil-port jiġifieri jħottu l-merkanzija minn fuq il-vapuri, fil-wharf jew kif qalha Belin "aux-bateaux". F'Marsilja l-Maltin kienu jġorru xkejjer, karawett, qastan, ċiċri, ross, faħam, kien hemm ħafna ġid għax kienet port internazzjonali. X'uħud imbagħad kienu jidħlu jaħdmu 'l ġewwa mill-port fir-raba' jew f'xi fabbrika.

Ta' kull fil-għodu, kull min kien irid jaħdem kienu jinġabru fil-'ġuljetta', pjazza fix-xatt tal-port, jistennew biex jiġu mgħajta għax-xogħol. Meta jiġi l-uffiċċjal kien jitlobhom jersqu lejh ħa jindikalhom il-vapur li jkunu se jaħdmu fuqu; jgħajtilhom wieħed wieħed fil-waqt li jipponta subgħajh lejhom u jgħidilhom 'Et vous travaillez !'. (Int se taħdem) Ma kinux jaħdmu bħala mpjegati, imma sakemm iħottu dak il-vapur biss. Meta jlestu l-għada fil-għodu kienu jridu jerġgħu jersqu ħa jgħajtilhom mill-ġdid għax-xogħol. Kienu jitħallsu kuljum; waqt ix-xogħol kienu jiġu mgħotija ċomba li fil-għaxija kienu jsarrfuha fi flus mill-uffiċċju. Il-paga bil-ġurnata kienet ta' 51 frank; jekk il-vapur kien ikun mgħaġġel kienu jridu jibqgħu jħottu sa ma jlestu għall-ħlas ta' 12 il-frank fis-siegħa jew 101 frank ta' lejl. Ix-xogħol tagħhom kien li jħottu, jġorru u jgħabbu xkejjer mimlija. Kellhom bħal speċi ta' krejn li kienu jsejħu "le biena" li kienet tasa' 12-il xkora, kienu jgħabbuha mill-istiva tal-vapur u jtellgħuha għal fuq, minnfejn ix-xkejjer kienu jinġarru u jiġu stivati x-xatt.



Għall-irqad u l-ikel kulħadd kien jaħseb jikri xi kamra. Fil-viċin kien hemm ħafna appartamenti biex jinkrew għax kien hemm ħafna ħaddiema stranġieri fix-xatt. Sa qassis Malti kien ikun hemm, bħalma kien Dun Anġ tal-Qala li kien jaqdi lill-ħaddiema Maltin u lil kull min kien ikollu bżonn. Billi Franza n-nies huma kattoliċi bħalna, kien hemm ukoll il-knisja u min kien irid kien jista' jmur il-quddiesa, jqerr u jitqarben. Ġie li l-Għawdxin kienu jiġu f'xi nkwiet u billi ma kinux ikunu jafu skola, u la jaqraw u lanqas jiktbu, kienu jfittxu l-qassis Malti biex jaqdihom. Kienu jiltaqgħu ma' nies minn kull nazzjon; Arab ta' Kostantina, tal-Marokk, ta' Bona, ta' Tunes eċċ kienu jitkellmu kif jistgħu jew bil-Malti jew bil-ftit Franċiż li kienu jieħdu mill-lingwa tal-post. Kulħadd kien rrispettat xorta waħda, u l-ħaddiema kollha kienu ttrattati tajjeb ferm.

Meta fi Franza bdiet it-thejjija għall-gwerra, għax Hitler u Mussolini riedu jidħlu għal Franza, il-kummissarjat beda jibża'



*Wenzu Buttiġieġ minn Sannat*

mill-ispiji, u ddeċieda l-ewwel li jiċċekkja fuq l-identita' tal-barranin kollha u fejn kienu joqogħdu; imbagħad li jipperswadihom jitilqu 'l barra mill-pajjiż. Skond l-informazzjoni li tana Belin, il-Kummissarju kien jibgħat biex ikellemhom u jwissihom li jekk jitilqu minn rgħajhom setgħu jerġgħu jiġu lura lejn Franza, imma jekk jitkeċċew bil-forza ma setgħu qatt iżjed jerġgħu jidħlu fil-pajjiż. Ma kienx hemm triq oħra ħlief li jaqtgħu l-passaġġ u jaqbdu l-ewwel vapur lejn Tunes u lura lejn Malta. Dak in-nhar ħarġu minn Marsilja mal-11 000 (ħdax il-elf) barrani li kienu jaħdmu fil-portijiet ta' Marsilja.
Lura Malta, dawk li kienu jkunu msiefrin kienu jridu jgħaddu mill-kwarantina, jiġifieri kien jinħtiġilhom li għal tnax-il ġurnata jmorru kuljum l-uffiċċju tas-sanita' biex it-tabib jiċċekkja li m'għandhom l-ebda mard li setgħu ġiebu magħhom minn barra.

L-emigrazzjoni lejn dawn il-pajjiżi fil-Mediterran kienet bdiet tonqos ma' l-ewwel Gwerra Dinjija u spiċċat għal kollox mal-bidu tat-tieni Gwerra Dinjija. Meta fis-snin ta' wara l-gwerra, jiġifieri fil-ħamsinijiet u s-sittinijiet reġgħu nfetħu l-bibien ta' l-emigrazzjoni, din id-darba d-destinazzjoni fuq quddiem nett kienet l-Awstralja. Għalkemm l-Awstralja hi ħafna 'l bogħod aktar mill-Ewropa, u kienu jdumu sejrin bil-vapur 'l fuq minn xahar, imma l-passaġġ beda jiġi ssussidjat mill-gvern Awstraljan billi dan il-pajjiż kellu bżonn ta' ħafna ħaddiema. Anke hawnhekk l-Għawdxin kienu jaħdmu fil-'wharf', u bħal f'Marsilja kienu jħottu, jġorru u jgħabbu l-vapuri. Persuni u saħansitra familji sħaħ minn Ta' Sannat emigraw u nfirxu sat-trufijiet tad-dinja. Il-kuraġġ u l-karattru tagħhom wasslu biex ma jibqgħux biss ċittadini minn ta' Sannat, Għawdxin jew Maltin, iżda ċittadini tad-dinja moderna.

U Triq Marsilja għadha u tibqa' waħda mit-toroq importanti f'Sannat, isimha hu monument li jfakkarna fis-sehem li dan ir-raħal ta lill-istorja ta' pajjiżna.

Referenzi:
Dr. Raymond C. Xerri, Sannat fl-Imgħoddi, Santa Margerita 2002
Dr. Rev. Joseph Bezzina, Sannat Fi Ġrajjiet Għawdex, Gozo, 1989
Lawrence E. Attard, L-Emigrazzjoni Maltija Is-Seklu Dsatax U Għoxrin, PIN, 1999
Dr. Carmel Vassallo, Corsairing To Commerce, Malta University Publishers, 1997
Ħajr: Wenzu Buttiġieġ, Sannat, 94 sena;
Ġużepp Sciberras, Sannat, 84 sena (missieru Wenzu miet Marsilja fl-1920)

DR TREK
the quality specialist
*Computer Systems*
*Computer Supplies*
*Web Solutions*
**DAVID & JOEL AZZOPARDI**
Vincenzo Caruana Spiteri Street, Sannat, Gozo - Malta.
Tel: (+356) 2156 5765, Fax: (+356) 2155 3299 E-mail: computers@e-gozo.com
www.e-gozo.com